A.L. 254 tal-2009

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immigrazzjoni (Drittijiet li jitħallsu dwar Permessi għal Residenza u Liċenzi għal Impieg)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, u bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immigrazzjoni (Drittijiet li jitħallsu dwar Permessi għal Residenza u Liċenzi għal Impieg), u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar l-Immigrazzjoni (Drittijiet li jitħallsu dwar Permessi għal Residenza u Liċenzi għal Impieg), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 15 tal-1993.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru, 2009.

Jemenda regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. (1) Minflok il-partiti 2 sa 4 fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

Ħwejjeg li dwarhom jista' jingħabar dritt	*Dritt li jitħallas*
"**2.** Applikazzjoni għal liċenza għal impieg skond l-artikolu 11(3) ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, rigward -	
(a) Ċittadini ta' l-UE u membri tal-familja tagħhom li huma ċittadini ta' pajjizi terzi u li huma intitolati li jaħdmu	Ħlas mal-ħruġ: €58
(b) Ċittadini ta' pajjizi terzi li għandhom permess ta' Residenza fit-Tul	Ħlas mal-ħruġ: €58
(ċ) Persuni li qed ifittxu asil; rifuġjati rikonoxxuti; benefiċjari ta' protezzjoni sussidjara u persuni mogħtija xi forom simili ta' protezzjoni	Ħlas mal-ħruġ: €58

(d) Iċ-ċittadini l-oħra kollha ta' pajjiżi terzi	Ħlas mal-applikazzjoni: €150 Ħlas mal-ħruġ: €80
3. Tiġdid annwali ta' liċenza għal impieg skond l-artikolu 11(3) ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, rigward -	
(a) Ċittadini ta' l-UE u membri tal-familja tagħhom li huma ċittadini ta' pajjizi terzi u li huma intitolati li jaħdmu	Ħlas mal-ħruġ: €34
(b) Ċittadini ta' pajjizi terzi li għandhom permess ta' Residenza fit-Tul.....	Ħlas mal-ħruġ: €58
(ċ) Persuni li qed ifittxu asil; rifuġjati rikonoxxuti; benefiċjari ta' protezzjoni sussidjara u persuni mogħtija xi forom simili ta' protezzjoni	Ħlas mal-ħruġ: €34
(d) Iċ-ċittadini l-oħra kollha ta' pajjiżi terzi	Ħlas mal-applikazzjoni: €150 Ħlas mal-ħruġ: €80".

(2) Partita 5 tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala partita 4.